MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 4/2010

**F.A Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Malta International Airport Plc**

**vs**

**Mexico Garage Rent-a-Car Co. Ltd (C-5002)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja tikkundanna lis-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' ghaxart elef, disgha mija w erbgha u sebghin Ewro u tmienja u tletin Ewro centezmu (€10,974.38) rapprezentanti varji servizzi rezi lilha, li baqghu ma thallsux nonostante diversi nterpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra Ufficcjali Ezekuttiva fl-istess ismijiet u l-mandati ta' Sekwestru u Qbid

pprezentati kontestwalment ma’ dan l-att u l-imghax legali fejn dan huwa applikabbli mill-1 ta’ Mejju 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta li giet prezentata fil-25 ta’ Frar, 2010 fejn eccepixxiet is-segwenti:

*1. “Illi fl-ewwel lok is-socjeta’ attrici m’ghandhiex dritt tagixxi b’din il-procedura kontra s-socjeta’ intimata stante illi l-iskrittura ta’ cessjoni li fuqha qieghda tibbaza ruhha s-socjeta’ attrici qatt ma giet notifikata lis-socjeta’ intimata skond il-ligi.*
*2. Illi r-rikors promotur huwa nebuluz u ma jissodisfax id-disposizjonijiet tal-Kap 12 stante li ma hemm ebda indikazzjoni ta’ xejn x’inhuma ‘is-servizzi rezi’ illi s-socjeta’ attrici qed tippretendi l-hlas ghalihom.*
*3. Illi f’kull kaz il-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici huma in toto jew in parte preskritti.*
*4. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi ebda ammont mhu dovut mis-socjeta’ intimata stante li din ma uzufruwiet ebda servizzi lilha rezi da parti tas-socjeta’ attrici.*
*5. Salv kull eccezzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ intimata skond il-ligi f’kaz li tinghata permess minn din l-Onorabbli Qorti sabiex ticcara t-talba nebuluza taghha kif dedotta fir-rikors promotur.”*

**Jason Aquilina** ghan-nom tas-socjeta’ attrici xehed nhar id-29 ta’ Marzu, 2010 u dan fil-kariga tieghu ta’ Direttur. Spjega illi s-socjeta’ konvenuta hija fil-fatt kompetitur taghha, Huma joperaw fis-servizzi ta’ kiri ta’ karozzi, self drive u chauffeur drive u jaf lil Louis Pace ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta ghaliex kien fil-kunsill tar-rent-a-car association.

Huwa spjega li l-Mexico Garage kien jirrapprezenta l-Budget Rent-a-Car li hija kumpanija internazzjonali dwar kiri ta’ karozzi. Spjega illi wahda mill-kumpaniji tieghu kienet inghatat l-opportunita’ mill-Budget International sabiex tiehu hi s-suq lokali tal-Budget Rent-a-car. Ghalhekk meta gara dan beda jiktellem u jaghmel

negozjati mal-Malta International Airport u dan sabiex jiehu over il-kiosk li hemm fl-arrivals lounge utilizzat mill-Budget permezz ta' rental agreement bejn il-Malta International Airport u l-Budget. Qal li l-Malta International Airport ma kellux oggezzjoni li jiehu over dan il-kiosk peress li kien hemm xi dejn tas-socjeta' konvenuta maghhom dwar l-uzu ta' dan il-kiosk fl-arrivals lounge. Qal li l-Malta International Airport qalulu li jekk is-socjeta' konvenuta ma thallasx id-debitu li kellha f'isem il-Budget hija kienet iwaqfu l-operazzjoni tal-Budget minn dak il-fond. Ghalhekk huwa ha decizjoni kummercjali u hass li kellu jhallas id-dejn li kellha s-socjeta' konvenuta f'isem is-socjeta' Budget. Huwa esebixxa l-ftehim li kien sar bhala *assignments of debts* li sar bejn il-Malta International Airport u s-socjeta' attrici datat 1 ta Mejju 2006 fejn is-socjeta' attrici assumiet id-dejn kollu li kellha s-socjeta' konvenuta f'isem il-Budget. Dan il-fethim gie esebit u mmarkat bhala Dok. JA.

Ikkonferma li d-dejn kollu li kellha s-socjeta' konvenuta mal-Malta International Airport kien fl-ammont ta' Lm4,711.30 ekwivalenti ghall-ammont imsemmi fir-rikors promotur bhala Ewro. Huwa esebixxa wkoll l-istatement li kienet harget il-Malta International Airport u mibghut lis-socjeta' konvenuta li gie mmarkat bhala Dok. JA1 u anness mieghu hemm l-invoices kollha li gew komplessivament l,markati bhala Dok. JA2.

Ix-xhud stqarr illi huwa kien jiltaqa' regolarment ma' Louis Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta bil-ghan li jissalvagwardjaw l-isem tas-socjeta' estera Budget f'Malta. Qal pero' li huwa kien assuma d-dejn kollu li kellha s-socjeta' konvenuta b'mod verbali u nforma lil Louis Pace u m'ghamillu l-ebda kumment fuq li kien qallu.

**Mario Psaila Savona** xehed nhar is-26 ta' Ottubru 2010 ghan-nom u in rapprezentanza ta' Malta International Airport. Fost is-servizzi ohra li kellha s-socjeta' konvenuta, din kellha franchise u kellha kiosk gewwa l-Malta International Airport fejn kienu jikru l-karozzi u dan kien jinsab fl-arrivals.

Huwa kkonferma li s-socjeta' kovenuta kienet debitrici taghha fl-ammont ta' xi tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm 3,500) u dan l-ammont kien ilu pendenti u kien ilu ma jithallas. Qal li s-socjeta' attrici kienet ghamlet talba sabiex huma jkomplu jirrapprezentaw id-ditta ta' barra Budget u peress li l-Budget ta' barra xtaqu li jkunu rapprezentati mis-socjeta' attrici huma ma kellhomx oggezzjoni purche' huma jithalsu tad-dejn li kellha s-socjeta' konvenuta maghhom.

Huwa gie muri l-invoices esebiti a fol. 13 et seq tal-atti u qal li dawn huma invoices mahruga mill-Malta International Airport lis-socjeta' konvenuta pero' il-kont kien thallas mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fl-atti nhar it-3 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha ipprezentat kopja tal-ittra ufficjali li hija ipprezentat fil-konfront tas-socjeta' konvenuta liema dokument jinsab fl-atti a fol. 47.

Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta' intimata Mexico Garage Rent-a-Car Co. Ltd datata 24 ta' Frar 2011 fejn esponiet is-segwenti:

*1. Illi s-socjeta' attrici in kwantu cessjonarja tad-drittijiet li allegatament kellha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta terza persuna cedenti ma setghet qatt tezercita u tintavola din il-procedura kontra l-istess socjeta' konvenuta qua allegata debitrici, stante illi c-cessjoni ma gietx mgharrfa lis-socjeta' konvenuta allegatament debitrici la mic-cessjonarju u lanqas mic-cedent permezz ta' att gudizzjarju kif rikjest mandatarjament u ad validitatem bil-provvedimenti tal-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili. L-ittra ufficjali prezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (prezentata mis-socjeta' attrici a fol 50 tal-process) kjarament ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex tali ittra ufficjali ma tikkostitwix notifika tac-cessjoni kif rikjest mill-ligi izda interpellazzjoni ghall-hlas li f'dak il-mument stess, in kwantu tali interpelazzjoni ghall-hlas kienet qed issir mic-cessjonarja tad-drittijiet minghajr ma sar dak mitlub bl-Artikolu 1470 tal-Kodici Civili, kienet ghal kollox intempestiva.*

*2. Illi wkoll l-iskrittura ta' cessjoni tad-dejn hija monka stante illi t-terminu sabiex id-debitur jigi mgharraf b' tali cessjoni ma giex stipulat bic-car kif jirrizulta mill-provvedimenti ta' klawsola hamsa (5) tal-istess skrittura u ghaldaqstant f'kull kaz hija applikabbli l-eccezzjoni tal-intempestivita'.*
*3. Illi wkoll it-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi s-socjeta' attrici cedenti hallset biss somma ekwivalenti ghal Lm3,000 lis-socjeta' terza cessjonarja izda qieghda tirreklama minghand is-socjeta' konvenuta qua allegata debitrici somma ekwivalenti ghal Lm4,711.30 u ghalhekk qed tintenta li tarrikixxi ruhha indebitament ghad-dannu tas-socjeta' konvenuta u qed tippretendi li taghmel dan bil-barka ta' din l-Onorabbli Qorti.*
*4. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez."*

Rat id-digriet tagha tat-13 ta' Mejju 2011 fejn ordnat l-isfilz ta' din ir-risposta ulterjuri prezentata nhar l-24 ta' Frar 2011 u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

**Louis Pace** xehed fis-26 ta' Settembru 2012 fejn ikkonferma li huwa jokkupa il-kariga ta' Direttur tas-socjeta' konvenuta. Ikkonferma li ma ghandu l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici u qatt ma innegozja maghha. Qatt ma iffirma xi skrittura jew kuntratt maghha. Hu kkonferma wkoll li qabel ma nfethet il-kawza odjerna, qatt ma ircieva l-ebda komunika minghandha.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha eccepiet:-

"*Illi l-azzjoni attrici hija preskritta in toto jew in parte bl-eghluq ta' tmintax-il xahar a tenur* ***tal-Artikolu 2148(f) tal-Kodici civili*** *f'kaz li l-oggett mikri lis-socjeta' konvenuta jigi meqjus bhala mobbli fin-natura tieghu u bl-eghluq ta' hames snin a tenur tal-****Artikolu 2156 (c) tal-Kodici Civili*** *f'kaz li l-oggett mikri lis-socjeta' konvenuta jigi meqjus bhala immobbli fin-natura tiegh*u."

Rat illi fis-seduta tat-30 ta’ Jannar 2013 il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti processwali u talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta’ konvenuta rapprezentanti din is-somma, skond ir-rikors promotur, ta’ varji servizzi moghtija lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici. Illi pero’ minn ezami tal-provi migbura u proprja min dak li qal Jason Aquilina ghan-nom tas-socjeta’ attrici huwa qed jitlob li jithallas minghand is-socjeta’ konvenuta l-ammont mitlub fir-rikors rapprezentanti l-ammont ta’ dejn li s-socjeta’ konvenuta kellha mas-socjeta’ Malta International Airport Ltd skond kif jirrizulta mill-iskrittura privata iffirmata bejniethom nhar l-1 ta’ Mejju 2010. Illi skond Aquilina ghalhekk l-ammont li qed jitlob mhux ghal servizz li s-socjeta’ attrici rrendiet lis-socjeta’ konvenuta izda sabiex tirkupra l-hlasijiet li hija ghamlet lis-socjeta’ Malta International Airport rapprezentantti d-dejn li kellha is-socjeta’ konvenuta maghha sabiex b’hekk is-socjeta’ attrici saret l-operatur il-gdid tal-gabbana li hemm fl-ajruport u dan permezz tal-iskrittura esebita fl-atti a fol. 11 Dok JA.

Huwa principju assodat illi l-ezami tal-preskrizzjoni ghandu jigi nkwadrat fil-qafas ta’ l-azzjoni intentata mill-attur. (Vide sentenza “**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma v. Oil & Construction International Limited**”, Appell Civili 924/01, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta’ April 2004; ‘**Stencil Pave (Malta) Limited v. Dr. Maria Deguara et noe’**, Citaz. Nru. 1656/01, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru 2003; ‘**Peter Montebello v. Peter Montebello et’**, Citaz. Nru. 2713/99, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Settembru 2003).

Fis-sentenza fl-ismijiet “**Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et**” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Gunju 1998, inghad:

"*huma l-premessi ta' l-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta' l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perijodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni kellu japplika.*"

Dan il-principju gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Joseph Bowan noe v.</u>**
**<u>Emanuel Cachia et noe</u>**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Dicembru 1998 fejn inghad illi:

"G*hall-fini tad-determinazzjoni ta' liema perijodu preskrittiv huwa applikabbli, wiehed ghandu jhares lejn in-natura ta' l-azzjoni esperita. It-termini preskrittivi invokati [bijennali u kwinkwennali] huma dawk inerenti ghall-preskrizzjonijiet estintivi ta' l-azzjoni u konsegwentement, hi dik l-azzjoni, kif arginata fil-parametri tal-premessi u t-talbiet taghha, li ghandha tiddetermina liema huwa l-perijodu preskrittiv applikabbli". (*Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Volum LXXXII – ii –1193.*)*

Minn dawn il-principji guridici johrog car illi kontra dak pretiz mill-konvenut ghall-finijiet tal-kwistjoni ta' preskrizzjoni sollevata fil-proceduri odjerni hija n-natura tal-kawzali attrici u konsegwenti talba bbazata fuqha li ghandhom jigu ikkunsidrati.

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

Is-socjeta' konvenuta fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghha eccepixxiet is-segwenti artikoli tal-ligi bhala dawk applikabbli ghall-kaz in dezamina:

**L-Artikolu 2148 (f) tal-Kapitolu 16** jiddisponi is-segwenti:

**“***L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ tmintax-il xahar -*
*(f) l-azzjonijiet ta’ kull persuna, għall-kera ta’ ħwejjeġ mobbli”*

Waqt li **l-Artikolu 2156 (c) tal-Kapitolu 16** jipprovdi li**:**

**“***L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ ħames snin:*
*(ċ) l-azzjonijiet għall-ħlas ta’ kera ta’ bini jew ta’ raba’; ”*

Issa minn ezami tal-korp tar-rikors promotur jirrizulta li fl-ebda hin ma s-socjeta’ attrici qed titlob xi hlas ghal xi kirjiet li hija ghandha tiehu minghand is-socjeta’ konvenuta izda qed titlob li tigi rimborsata ghall-hlasijiet li hija avvanzat lis-socjeta’ Malta International Airport dwar djun li allegatament kellha is-socjeta’ konvenuta maghha u ghalhekk dawn iz-zewg artikoli citati mis-socjeta’ konenuta ma isibu l-ebda konfort fil-kaz taht il-lenti.

Invokati tnejn mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati fis-subtitolu IV, tat-Titolu XXV, tat-Taqsima II tal-Kodici citat, din il-Qorti ma tistax, jekk dawk invokati jirrizultaw insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma gietx invokata [**Artikolu. 2111 tal-Kodici Civili**], u lanqas tista’ tikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita (‘**Perit Victor Muscat –vs- Edgar Tabone**’, Appell Civili, 18 ta’ Frar 1963; **‘Paul Xuereb –vs- Amabile Fiott’**, Appell Sede Inferjuri, 3 ta’ Dicembru 1975).

Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f’dan is-sens:

*‘Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta’ preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika terminu iehor ta’ preskrizzjoni’ – ‘***George Cini –vs- RitaCamilleri’***,* 26 ta’ Lulju 1979.

Bl-istess mod esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Ronald Naudi vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.</u>**', 26.06.2003:

'Minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja *odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva.'*

Ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tindaga liema artiklu huwa applikabbli ghall-kaz. Il-preskrizzjoni hija materja ta' natura koxjenzjuza u sta ghal min jeccepieha illi jindika l-artikolu b'mod preciz u jipprova t-trapass taz-zmien. Ghalhekk galadarba l-preskrizzjoni indikita mis-socjeta' konvenuta ma hijiex dik applikabbli tal-kaz, din il-Qorti ghandha tieqaf hawn u l-ebda indagni ohra ma hi permessa.

**Konsegwentement, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u tordna il-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez ta' din is-sentenza preliminari huma riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------